MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Numru. 430/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Ramon Mercieca**

**vs**

**Peter Paul Galea**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Peter Paul Galea ta’ 37 sena bin Joseph u Dolores nee’ Galea, imwieled l-Hamrun, nhar id-29 ta’ Gunju 1973 u residenti gewwa fond bin-numru 47, Triq San Tumas, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 300273(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Matul ix-xahar ta’ Jannar 2011, minn gewwa l-hanut bl-isem ta’ Liberty Bar, sitwat fi Triq Hal-Qormi, gewwa l-Hamrun u minn gewwa residenza numru 41, Pjazza Patri Magri, Marsa:-

1. B’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda u cioe’ ikkommetta serq ta’ flus, ghad-dannu ta’ l-istess sid, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u cioe’ li jeccedi €232.94 (mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu) u li izda ma jeccedix €2329.37 (elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu) u dan bi ksur tal-artikolu 18, 261(c) u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

B’hekk fl-istess, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini ta’ artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 t’April, 2011 (esebit *a folio* 16 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-28 ta’ Lulju, 2011 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw serq kwalifikat bil-valur liema serq sehh fl-14 ta’ Jannar, 2011 u fil-granet ta’ qabel mill-hanut Liberty Bar li jinsab fi Triq Hal-Qormi, l-Hamrun kif ukoll mir-residenza 41, Pjazza Patri Magri, Marsa u dan ghad-detriment tas-sid tal-imsemmi hanut u residenza, Marisa Refalo.

L-imsemmija Marisa Refalo xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-28 ta’ Lulju, 2011 fejn hija spjegat li fis-16 ta’ Jannar, 2011 kienet ghamlet rapport l-Ghassa tal-Hamrun li l-imputat li kienet ilha tafu ghal certu zmien kien serqilha tliet mitt ewro (€300) fi flus kontanti mill-hanut

taghha Liberty Bar u sussegwentement irrapurtat li huwa kien serqilha curkett bid-djamanti mir-residenza taghha fil-Marsa. Marisa Refalo spjegat li l-imputat kien jifrekwenta dan il-bar u li hija u r-ragel taghha matul is-snin kienu jghinuh kemm sabiex jipprova jeghleb il-problema tal-abbuz mid-droga u sahansitra anki kienu jehdulu l-ikel u affarijiet ohra meta kien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Hija tghid li l-imputat kien jidhol jghinha wara l-bar tal-hanut u li huwa kien imur jiekol id-dar taghha flimkien ma zewgha u binha ta' kuljum fejn hija gieli anki fdatu bic-cavetta tad-dar fejn kien imur hemm wahdu jehdilha xi hwejjeg. Refalo spjegat li f'gurnata lejn nofs Jannar 2011 persuna li kien jifrekwenta il-bar taghha fuq bazi regolari, certu Patrick O'Toole qalilha li ma felahx aktar u hass li kellu jghidlha li l-imputat Peter Paul Galea kien qed jehdilha l-flus fuq bazi regolari minn kaxxa li hija kienet izzomm fuq xkaffa wara l-bar. Meta semghu lil O'Toole jghidilha dan il-kliem tnejn min-nies ohra li kienu jifrekwentaw il-bar qamu u qalulha l-istess haga. Hija tghid li kkonfrontat lill-imputat dwar dan il-fatt izda kienet iddecidiet li ma taghmilx rapport lil Pulizija sabiex ma tkompliex tohloqlu problemi. Hija tispjega izda li l-imputat mar l-Ghassa tal-Hamrun u ghamel rapport li hija kienet qed izzomlu l-Quickcash Card bil-pin number relattiv, il-karta tal-identita u l-licenzja tas-sewqan u meta l-Pulizija kkomunikaw maghha hija spjegatilhom x'kien gara u qaltilhom li l-imputat kien tahomlha sabiex hija tipprova tikkontrollah u li hjia ma kellha l-ebda problema li taghtihomlu lura. Meta l-imputat qal lil Pulizija li huwa jixtieq jiprocedi kontriha, hija f'dak l-istadju ghazlet li taghmel ir-rapport dwar il-flus li kienet sabet neqsin u xi jiem wara ghamlet rapport dwar curkett tad-djamanti li kienet sabet nieqes mid-dar taghha. Marisa Refalo spjegat li hija sabet tlett mitt Ewro (€300) neqsin mill-kaxxa li kellha wara l-bank u dwar ic-curkett qalet li dan kienet hallietu fuq mejda fl-intrata tad-dar taghha u gurnata wara sabitu nieqes. Hija wahlet fl-imputat ghaliex kien l-unika bniedem barrani li kellu access ghad-dar taghha.

Illi f'dawn il-proceduri l-Prosekuzzjoni produciet bhala xhieda lil Patrick O'Toole u Mario Bezzina li t-tnejn xehdu

waqt l-udjenza tat-28 ta' Lulju, 2011 fejn dawn it-tnejn ikkonfermaw li kienu raw lill-imputat Peter Paul Galea f'aktar minn okkazzjoni wahda jiehu l-flus mill-kaxxa li Marisa Refalo kienet izzomm fuq xkaffa wara l-bank tal-hanut taghha. Patrick O'Toole qal ukoll li l-imputat gieli wrieh il-flus li kien ha. In kwantu jirrigwarda l-allegat serq tac-curkett tad-djamanti l-Prosekuzzjoni produciet bhala xhud lil Francois Ellul li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-3 ta' Frar, 2012 fejn huwa qal li meta kien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin l-imputat kien qallu li kien seraq ic-curkett minghand Marisa Refalo.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2012 fejn huwa cahad li kien seraq xi flus jew xi curkett mill-bar ta' Marisa Refalo jew mir-residenza taghha. Huwa sostna li x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni li qalu li kienu rawh jiehu l-flus kienu gew imhallsa tletin ewro (€30) kull wiehed minn Marisa Refalo sabiex jixhdu b'dan il-mod u qal li dan kien jafu ghaliex qalulu certu wiehed jismu Tony mill-Hamrun. Dwar dak li xehed Francois Ellul huwa cahad li kien qallu kliem fejn ammetta li kien seraq ic-curkett minghand Refalo u qal li hu u Ellul ma kienux il-Habs flimkien ghaliex Ellul kien qed jinzamm fl-Isptar Monte Carmeli. Huwa kkonferma li Marisa Refalo kienet provdietlu hafna ghajnuna fil-passat.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa kollha dovuta il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat kien seraq is-somma ta' tliet mitt ewro (€300) f'kontanti mill-hanut propjeta' ta' Marisa Refalo. Dak li qalet Marisa Refalo f'dan ir-rigward fil-fatt jinsab korroborat kemm minn Patrick O'Toole kif ukoll minn Mario Bezzina fejn dawn it-tnejn ikkonfermaw li kienu raw lill-imputat jiehu l-flus mill-kaxxa li Refalo kienet izzomm fuq l-ixkaffa fil-hanut taghha. Il-Qorti li semghat lil dawn iz-zewg xhieda jixhdu quddiemha viva voce ma kellha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' taghhom. Il-Qorti izda jidrilha li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma tista' titqies li gabet provi

lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni in kwantu jirrigwarda is-serq tac-curkett. L-unika prova li setghat b'xi mod titqies li torbot lill-imputat mas-serq tac-curkett hija x-xhieda ta' Francois Ellul izda apparti d-dubji serji li l-Qorti ghandha dwar il-kredibilta' ta' dan ix-xhud jidrilha li l-prova li l-imputat qal lil Ellul li huwa kien seraq ic-curkett wahidha ma tistghax titqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni ghal finijiet ta' sejbien ta' htija.

L-imputat jinsab ukoll addebitat bl-imputazzjoni tar-recidiva u l-Qorti jidrilha li din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi fejn gew esebiti s-sentenzi relattivi li jinsabu nseriti a fol. 47 et sequitur tal-atti processwali f'liema sentenzi hemm indikati l-istess konnotati tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dawn is-sentenzi nghataw fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat huwa recidiv u li mill-fedina penali tieghu jirrizulta li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja f'diversi okkazzjonijiet u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31,49, 50, 261, 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu izda in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni ta' serq huwa qed jinstab hati limitatament in kwantu din l-imputazzjoni tirreferi ghas-serq ta' flus mill-hanut Liberty Bar, il-Hamrun u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------